

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/664

tal-15 ta' April 2019

li temenda d-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE fir-rigward ta' prodotti li huma eliġibbli għal eżenzjoni jew tnaqqis mid-dazju tal-baħar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 940/2014/UE ⁽²⁾ tawtorizza lill-awtoritajiet Franċiżi biex japplikaw eżenzjonijiet jew tnaqqis fir-rigward ta' dazju tal-baħar għal prodotti manifatturati lokalment fid-Dipartimenti Franċiżi *extra-Ewropej* imsemmija fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni. Id-differenzjal massimu awtorizzat għat-taxxa huwa, skont il-prodotti u d-Dipartiment *extra-Ewropew* ikkonċernati, ta' 10, 20 jew 30 punt perċentwali.
- (2) B'konformità mad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE, fit-12 ta' Frar 2018, l-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-applikazzjoni tal-arranġamenti ta' tassazzjoni previsti f'dik id-Deċiżjoni. Ir-rapporti ta' valutazzjoni speċifiċi għal kull wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi akkumpanjati minn talbiet għall-adattament tal-lista ta' prodotti eliġibbli għal tassazzjoni differenzjata ntbagħtu fil-15 ta' Marzu 2018 għall-Guyana Franċiża, għal Martinique u għal Guadeloupe, fl-4 ta' Ġunju 2018 għal Réunion u, mingħajr talba għall-adattament tal-lista, fit-28 ta' Awwissu 2018 għal Mayotte. Fis-26 ta' Ottubru 2018 saret talba addizzjonali għall-inklużjoni ta' prodott ġdid fil-lista għall-Guyana Franċiża.
- (3) Abbażi tar-rapport imressaq fit-12 ta' Frar 2018 mill-awtoritajiet Franċiżi, il-Kummissjoni ppreżentat, lill-Kunsill, ir-rapport kif previst fid-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE kif ukoll proposta għal adattamenti f'dik id-Deċiżjoni. Dawk l-adattamenti proposti jikkonċernaw lil Martinique, lil Guadeloupe, lill-Guyana Franċiża u lil Réunion, u jikkonsistu fl-inklużjoni fil-lista ta' prodotti ġodda u fiż-żieda, għal ċerti prodotti, tad-differenzjal awtorizzat.
- (4) Fil-każ tal-Guyana Franċiża, jenħtieġ l-aġġornament tal-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE.
- (5) L-adattament tal-listi huwa ġustifikat f'kull każ fid-dawl tal-kostijiet addizzjonali ta' prodotti manifatturati lokalment meta mqabbla ma' prodotti ekwivalenti importati li huma manifatturati fl-Unjoni.
- (6) L-adattamenti meħtieġa li jsiru, fil-biċċa l-kbira tagħhom, jeħtieġu jiddaħħlu fil-listi li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE għal prodotti li diġà kienu manifatturati lokalment fl-2014 u li għalihom ma tressqet l-ebda applikazzjoni għall-inklużjoni fil-listi fl-2014.
- (7) Fil-Guyana Franċiża, il-prodotti kkonċernati huma s-siment (prodott 2523 29 00) u l-għamara maħduma mill-injam (prodotti 9403 30, 9403 50 00, 9403 60 u 9403 90 30).
- (8) FMartinique, il-prodotti kkonċernati huma xi griebieb tal-plastik (prodott 3907 61 00) u kmamar kesħin (prodott 8418 69 00).

⁽¹⁾ Opinjoni tas-27 ta' Marzu 2019 (għada mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 940/2014/UE tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar id-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 1).

- (9) Fi Guadeloupe, il-prodotti kkonċernati huma xi laħmijiet (prodott 0210 12 19), xi zlazi (prodott 2103 90 90), l-alkoħol etiliku żnaturat (prodott 2207 20 00), xi fertilizzanti (prodotti 2833, 2834 u 2836), xi prodotti kożmetiċi (prodotti 3303 00 90 u 3304 99 00), xi likwidi tat-tkessiħ (prodott 3820 00 00), u kaxxi u kontenituri tal-karta u tal-kartun (prodott 4819 10 00).
- (10) F'Réunion, il-prodotti kkonċernati huma xi prodotti stampati (prodott 4911 99), xi prodotti tal-iġjene (prodotti 4818 20 10 u 4818 20 91), xi spare parts għal vetturi (prodotti 8511 40 00, 8511 50 00 u 8511 90 00), xi kanali tal-ventilazzjoni u l-aċċessorji tagħhom (prodotti 7306 30 80, 7306 61 92 u 7307 99 80), ħiters solari tal-ilma (prodott 8419 90 85), xi fertilizzanti (prodott 3102 10 90) u xi kunservi tat-tadam (prodott 2002 90 11).
- (11) Fis-settur tal-agrikoltura, it-talbiet għall-inklużjoni jew klassifikazzjoni mill-ġdid fil-listi huma motivati mill-ħtieġa tal-produtturi lokali li jiddiversifikaw il-produzzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jiffaċċjaw aħjar l-instabbiltajiet klimatiċi. Il-prodotti li jenħtieġ li jiġu inklużi fil-listi li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE għal Martinique huma xi ħxejjex (prodotti 0709 30 00, 0709 40 00, 0709 93 90 u 0714) u l-avokado (prodott 0804 40 00), għal Guadeloupe huma l-ananas (prodott 0804 30) u l-bżar (prodott 0904 22 00) u għal Réunion huma l-basal (prodott 0703 10 19) u t-tewm (prodott 0703 20 00). Barra minn hekk, għal Martinique jenħtieġ li xi ħxejjex (prodott 0706), xi bżar (prodott 0709 60), l-ananas (prodott 0804 30) u l-frott taċ-ċitru (prodott 0805) jiġu klassifikati mill-ġdid fil-Lista B.
- (12) Għal xi prodotti li huma diġà elenkati fil-listi li hemm fl-Anness tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE, id-differenzjal massimu kkonċernat jenħtieġ jew li jiġi estiż għal subintestaturi tan-Nomenklatura Magħquda li għalihom bħalissa ma tapplikax jew li jiżdied.
- (13) Għal Martinique jenħtieġ li jiġu klassifikati mill-ġdid jogurt (prodott 0403 10) u xi prodotti tal-plastik għall-kostruzzjoni (prodott 3925) mil-lista B għal-lista C, filwaqt li ħxejjex iffriżati (prodott 0710), kostruzzjonijiet prefabbrikati (prodott 9406), xi artikli tal-ġojjellerija (prodotti 7113 u 7117) u ħiters solari tal-ilma (prodott 8419 19) jiġu klassifikati mill-ġdid mil-lista A għal-lista B.
- (14) Fi Guadeloupe, jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista B il-prodotti tal-laħam ippreparati jew ppreservati kollha (prodott 1602) u mhux biss il-prodotti taħt l-intestatura 1602 41 10, il-ħut ippreparat u ppreservat kollu (prodott 1604 20) u mhux biss is-salamun ippreparat u ppreservat (prodott 1604 20 10) u, fir-rigward tal-fertilizzanti, prodotti taħt l-intestaturi 3102, 3103, 3104 u 3105, u mhux biss taħt is-subintestaturi 3102 90, 3103 90, 3104 20 u 3105 20. Jenħtieġ ukoll li ssir klassifikazzjoni mill-ġdid ta' prodotti tal-jogurt (prodott 0403 10), xi xarbiet mhux alkoħoliċi (prodotti 2202 10 00 u 2202 99 19) u xi materjali tal-kostruzzjoni (prodotti 3925 10 00 u 3925 90 80) mil-lista B għal-lista C.
- (15) Għal Réunion, fl-industrija agroalimentari jenħtieġ li jiġu kklassifikati mill-ġdid iz-zokkor (prodott 1701), it-tadam fil-laned (prodott 2002 10) u xi prodotti tal-kisi (prodott 3214 10 90) mil-lista A għal-lista C, li jiġu kklassifikati mill-ġdid xi ħxejjex niexfa fil-laned (prodotti 2005 51 00 u 2005 99 80), xi żebġha (prodotti 3208 u 3209), film u boroż tal-politin (prodotti 3920 10 u 3923 21), u xi kaxxi u kontenituri tal-kartun (prodott 4819 20 00) mil-lista B għal-lista C, u li jiġi kklassifikat mill-ġdid xi puré tal-frott (prodott 2007 99 50) mil-lista A għal-lista B.
- (16) Għal Martinique tenħtieġ korrezzjoni ta' żball fir-rigward ta' intestatura tariffarja mdaħħla fil-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE u l-intestatura 2204 29 tenħtieġ li tiġi sostitwita mill-intestatura 2204 21.
- (17) Jenħtieġ li prodotti li ma kinux manifatturati lokalment fl-2014 iżda li bdew jiġu prodotti minn hemm 'l hawn jew li għalihom hemm pjanijiet speċifiċi ta' bidu ta' produzzjoni fil-futur qarib jiġu inklużi fil-listi ta' prodotti li huma eliġibbli għal tassazzjoni differenzjata. Fil-Guyana Franċiża, il-prodotti kkonċernati jirriżultaw minn attivitajiet ta' serigrafija bħal pereżempju ġgieget stampati (prodott 6110 30 91), aċċessorji stampati għat-trabi (prodott 6111 20 90), inċirati stampati (prodott 6201 19 00), ilbiesi stampati (prodott 6204 42 00), bjankerija stampata (prodott 6302 91 00), brieret stampati (prodott 6505 00 30), mugs stampati (prodott 6912 00) u "injam għall-enerġija" (prodott 4401 12 00). Fi Guadeloupe, il-prodotti kkonċernati huma xi birer (prodott 2203), xi ilmijiet mingħajr zokkor (prodott 2201 10 90) u xi makkinarju ta' filtrazzjoni jew purifikazzjoni (prodott 8421 21 00). F'Réunion, il-prodotti kkonċernati huma xi prodotti tal-iġjene (prodott 4818 90 10).
- (18) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE tiġi emendata kif meħtieġ.

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-15 ta' April 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

P. DAEA

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE huwa emendat kif ġej:

1. Il-parti A hija emendata kif ġej:

- (a) Fil-punt nru 1, jiddaħħlu l-prodotti li ġejjin: “0904 22 00, 2103 90 90, 2207 20 00, 3820 00 00, 4819 10 00”.
- (b) Fil-punt nru 2, jiddaħħal il-prodott “2523 29 00”.
- (c) Il-punt nru 3 huwa emendat kif ġej:
 - (i) Jiddaħħlu l-prodotti li ġejjin: “0709 30 00, 0709 40 00, 0709 93 90, 0804 40 00, 0714, 8418 69 00”.
 - (ii) Jitħassru l-prodotti li ġejjin: “0706, 0709 60, 0804 30, 0805, 0710, 7113, 7117, 8419 19, 9406”.
- (d) Il-punt nru 5 huwa emendat kif ġej:
 - (i) Jiddaħħlu l-prodotti li ġejjin: “3102 10 90, 8511 40 00, 8511 50 00, 8511 90 00”.
 - (ii) Jitħassru l-prodotti li ġejjin: “1701, 2002 10, 2007 99 50, 3214 10 90”.

2. Il-parti B hija emendata kif ġej:

- (a) Il-punt nru 1 huwa emendat kif ġej:
 - (i) Jiddaħħlu l-prodotti li ġejjin: “0210 12 19, 0804 30, 1602, 1604 20, 2201 10 90, 2833, 2834, 2836, 3102, 3103, 3104, 3105, 3303 00 90, 3304 99 00”.
 - (ii) Jitħassru l-prodotti li ġejjin: “0403 10, 1602 41 10, 1604 20 10, 2202 10 00, 3102 90, 3103 90, 3104 20, 3105 20, 3925 10 00, 3925 90 80”.
- (b) Il-punt nru 2 huwa emendat kif ġej:
 - (i) Jiddaħħlu l-prodotti li ġejjin: “0303 59, 0305 31 00, 0305 44 90, 0305 52 00, 0305 53 90, 0305 54 90, 0305 59 85, 0305 64 00, 4418 91 00, 4418 99, 6110 30 91, 6111 20 90, 6201 19 00, 6204 42 00, 6302 91 00, 6505 00 30, 6912 00, 9403 30, 9403 50 00, 9403 60, 9403 90 30”.
 - (ii) Jitħassar il-prodott li ġej: “0305 59 80”.
- (c) Il-punt nru 3 huwa emendat kif ġej:
 - (i) Jiddaħħlu l-prodotti li ġejjin: “3907 61 00, 0706, 0709 60, 0710, 0804 30, 0805, 7113, 7117, 8419 19, 9406”
 - (ii) Jitħassru l-prodotti li ġejjin: “0403 10, 3925”.
- (d) Il-punt nru 5 huwa emendat kif ġej:
 - (i) Jiddaħħlu l-prodotti li ġejjin: “0703 10 19, 0703 20 00, 2002 90 11, 2007 99 50, 4911 99, 4818 20 10, 4818 20 91, 4818 90 10, 7306 30 80, 7306 61 92, 7307 99 80, 8419 90 85”.
 - (ii) Jitħassru l-prodotti li ġejjin: “2005 51 00, 2005 99 80, 3208, 3209, 3920 10, 3923 21, 4819 20 00”.

3. Il-parti C hija emendata kif ġej:

- (a) Fil-punt nru 1, jiddaħħlu l-prodotti li ġejjin: “2203, 8421 21 00, 0403 10, 2202 10 00, 2202 99 19, 3925 10 00, 3925 90 80”.
- (b) Il-punt nru 2 huwa emendat kif ġej:
 - (i) Jiddaħħlu l-prodotti li ġejjin: “4401 12 00, 9406 90 10, 9406 10 00, 9406 90 38”.
 - (ii) Jitħassru l-prodotti li ġejjin: “9406 00 11, 9406 00 20, 9406 00 38”.

- (c) Il-punt nru 3 huwa emendat kif ġej:
- (i) Jiddaħħlu l-prodotti li ġejjin: “0403 10, 3925, 2204 21”.
 - (ii) Jitħassar il-prodott li ġej: “2204 29”.
- (d) Fil-punt nru 5, jiddaħħlu l-prodotti li ġejjin: “1701, 2002 10, 2005 51 00, 2005 99 80, 3208, 3209, 3214 10 90, 3920 10, 3923 21, 4819 20 00”.
-